# *Filatelija Ġorġjana* (6)

Antoine Vassallo

**Malta (1935 - 1992)**

L-ewwel bolla ħarġet fl-1992 f'sett ta' tlieta (4, 10 u 50) biex jitfakkar il-ħamsin anniversarju ta' l-għoti tal-*George Cross* lil Malta mir-re Ġorġ VI fl-eqqel ta' l-attakki u l-ġuħ "bħala xhieda ta' eroiżmu. . . li jibqa' msemmi". Id-disinjatur kien Harry Borg u l-istampaturi, bħal ħafna oħrajn, id-ditta Maltija *Printex Ltd*. Din l-ogħla onorifiċenza ċivili kien waqqafha sentejn qabel; b'medaljun fi stil klassiku f'nofs is-salib juri lil San Ġorġ fuq iż-żiemel.

Dan l-unur uniku kellu effett qawwi anki fuq il-filatelija Maltija għax l-awtoritajiet postali ta' spiss ħassew li għandhom ifakkruh. Infatti fl-ewwel sett wara l-gwerra - tal-"Vittorja" - insibuh imsieħeb mas-salib ta' l-Ordni (jew "ta' Malta"). L-għotja stess ġiet kommemorata ħames darbiet oħra (xogħol il-Kavallier Emvin Cremona). Iżda fil-fatt għoddejt xi tmenin bolla bil-*George Cross*, almenu bħala parti mid-dekorazzjoni!










Madankollu ma kienx il-*George Cross* l-ewwel li wasslilna bolli b'konnessjoni Ġorġjana.

Kif hemm f'paġna 48, ħafna territorji fakkru l-Ġublew tal-Fidda tar-re Ġorġ V fl-1935. Is-sett Malti (stampat minn *Bradbury Wilkinson*) kellu valuri ta' ½d, 2½d, 6d u 1/-. Din t'hawn hi eżempju tat-tip ta' dettall li ġie li jaslu biex jistudjaw id-dilettanti: jekk inqabbluha ma' ta' qabel, naraw sinjal dritt vertikali żejjed maġenb it-turretta (fin-nofs) li tista' timmaġinah arblu ("*extra flagstaff*") - differenza fuq bolla fil-folja.

It-tielet bolla hawn fuq ħarġet f'sett għas-sena Ewropea tal-Wirt Arkitettoniku fl-1975 li tħalla f'idejn il-Professur Richard England. Biex juri l-komunita` tipika Maltija mibnija madwar il-knisja parrokkjali, ma setax isib eżempju isbaħ mir-Rabat bil-Bażilika ta' San Ġorġ tant prominenti! ■